

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/75**tas-17 ta' Jannar 2018****li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għaċ-Ċelluloża Mikrokristallina (E460(i))****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ⁽³⁾ jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (2) Dawk l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jiġu aġġornati skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, jew b'inizjattiva tal-Kummissjoni jew inkella wara talba.
- (3) Fit-8 ta' Frar 2016, tressqet applikazzjoni għall-emenda tal-ispeċifikazzjonijiet li jikkonċernaw l-addittiv tal-ikel iċ-ċelluloża mikrokristallina (E460(i)). L-applikazzjoni saret disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (4) L-ispeċifikazzjoni attwali fir-rigward tas-solubbiltà tal-addittiv tal-ikel ċelluloża mikrokristallina (E 460 (i)) tiddikjara li huwa "Insolubbli fl-ilma, fl-etanol, fl-etere u fl-aċidi minerali dilwiti. Kemxejn solubbli f'soluzzjoni tal-idrossidu tas-sodju".
- (5) L-applikant qed jitlob li l-ispeċifikazzjoni fir-rigward tas-solubbiltà ta' dan l-addittiv tal-ikel tiġi emendata għal "Insolubbli fl-ilma, fl-etanol, fl-etere u fl-aċidi minerali dilwiti. Prattikament insolubbli jew insolubbli f'soluzzjoni tal-idrossidu tas-sodju".
- (6) Fl-opinjoni tagħha tal-24 ta' Jannar 2017 ⁽⁴⁾, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li l-emenda għall-ispeċifikazzjonijiet fir-rigward tas-solubbiltà taċ-ċelluloża mikrokristallina (E 460 (i)) proposta mill-applikant mhijiex ta' tħassib għas-sikurezza. Madankollu, l-Awtorità rrakkomandat li l-konċentrazzjoni tas-soluzzjoni tal-idrossidu tas-sodju li se tintuża għall-ittestjar tas-solubbiltà jeħtieġ li tiġi indikata skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-UE.
- (7) Konsegwentement, jixraq li tiġi emendata d-deskrizzjoni dwar is-solubbiltà tal-addittiv tal-ikel ċelluloża mikrokristallina (E 460 (i)) f'soluzzjoni tal-idrossidu tas-sodju (konċentrazzjoni: 50 g NaOH/L) għal "prattikament insolubbli jew insolubbli".
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 231/2012 jiġi emendat skont dan,
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 354, 31.12.2008, p. 16⁽²⁾ ĠUL 354, 31.12.2008, p. 1⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).⁽⁴⁾ EFSA ANS Panel (EFSA Panel on Food Additives and Nutrient Sources added to food), 2017. Safety of the proposed amendment of the specifications for microcrystalline cellulose (E 460(i)) as a food additive. *EFSA Journal* 2017;15(2):4699, 7 pp. doi:10.2903/j.efs.2017.4699

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Jannar 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012, l-entrata għall-addittiv tal-ikel ċelluloża mikrokristallina E 460(i) f'dak li jirrigwardja s-solubiltà tinbidel b'dan li ġej:

“Solubbiltà	Insolubbli fl-ilma, fl-etanol, fl-etere u fl-aċidi minerali dilwiti. Prattikament insolubbli jew insolubbli f'soluzzjoni tal-idrossidu tas-sodju (konċentrazzjoni: 50 g NaOH/L).”
-------------	-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------
